**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 183/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Christopher Scerri**

Illum, 08 ta' Jannar 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Christopher Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77081M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'diversi bnadi, f'dawn il-gzejjer, bejn is-26 ta' Awwissu, 2015, u d-29 ta' Awwissu, 2015, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u *cioe'*:

1. Talli gewwa r-residenza 87, Triq is-Sienja, l-Kalkara, nhar is-26 ta' Awwissu, 2015, ghall-habta tal-15:40 PM, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u disgha u tletin Ewro imma ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ghad-detriment ta' Stefania Cassar u Dolores Cassar, liema serq ikkwalifikat bil-valur u bil-lok;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Talli gewwa Triq San Lawrenz, l-Isla, nhar id-29 ta' Awwissu, 2015, għall-habta ta' 12:20 PM, b'atti esterni ta bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt, u *cioe'*, serq aggravat minn gol-imsemmija residenza ta' diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga nvolontarja u ndipendenti mill-volonta' tieghu, w li sar ghad-detriment ta' Martin Mejlak;
4. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' April, 2017, fejn il-Qorti sabet l-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza izda lliberatu mit-tieni u r-raba' u wara li rat l-Artikolu 261(c)(e), 267, 269, 279(b), 280, 41, 17 tal-Kapitolu 9, ikkundannatu tlett snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Scerri, pprezentat fis-17 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberatu mit-tieni u r-raba' akkuza filwaqt li tannulla, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati u minnha tilliberah, u fin-nuqqas, minflok piena karcerarja effettiva tinghata piena iktar ekwa u gusta bhal ordni ta' *probation* u/jew ordni ta' trattament jew alternattivament sentenza ta' habs sospiza taht kull ordni u provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Christopher Scerri, huma s-segwenti w *cioe'*:-

1. **Is-serqa mir-residenza 87, Triq is-Sienja, l-Kalkara.**

Illi l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha tghid hekk:

*Vis – a - vis*, is-serqa mir-residenza numru 87, mill-provi in atti jirrizulta li f'din ir-residenza jabitaw omm li jisimha Dolores Cassar u bintha Stephania. Hi x-xhieda ta' din tal-ahhar (*folio 29*) li torbot lill-imputat mas-serqa. Dan taghmlu principalment minhabba arlogg tal-idejn li kien fost ir-refurtiva u li l-imputat kien liebes fil-waqt tal-arrest tieghu.

Dwar is-serqa *in disamina*, l-provi juru li hi aggravata bil-valur izda taht €2,330 u bil-lok *stante* li minn residenza.

Fil-kors tas-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli avukat difensur, dwar is-serqa mid-dar stqarr li la l-omm u lanqas it-tifla ma identifikaw l-imputat. Filwaqt li dan hu minnu, l-Qorti tafferma li l-identifikazzjoni ghamlu l-arlogg li l-imputat kien liebes fil-hin li gie arrestat u li tieghu naqas li jaghti spjegazzjoni ta' kif gie ghandu daqshekk ricenti ghas-serqa.

L-aggravju tal-appellant fir-rigward tas-serqa minn din ir-residenza hu l-fatt illi l-Qorti naqset milli tindika kif ix-xhieda ta' Stephania Cassar torbot lill-imputat mas-serqa. Ta' min jghid illi ghalkemm Cassar gharfet li l-arlogg huwa bhal taghha, ovvjament dan ma jfissirx li dak il-wiehed partikolari kien jappartjeni lilha. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tikkonferma li l-arlogg in kwistjoni huwa l-mudell identiku bhal ta' Stephania Cassar. Dan seta' facilment jigi ppruvat meta gew ezebiti kemm is-*serial number* (fil-kaxxa tal-arlogg) u l-arlogg innifsu. Anke jekk seta' kien l-istess arlogg, ma saritx il-prova li l-arlogg insteraq mill-imputat. Mhux eskluz li dan seta' gie ghandu minghand terzi persuni u ghalhekk, fl-aghar ipotezi, l-Qorti messha sabitu hati tat-tieni akkuza u mhux tal-ewwel akkuza billi din ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Il-fatt illi naqas milli jaghti spjegazzjoni ta' kif wasal ghandu l-arlogg ma jfissirx li serqu huwa. L-imputat huwa meqjus innocenti u ghandu dritt li ma jwegibx. Ma jaqax fuqu l-oneru li jaghti spjegazzjoni izda hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib il-provi kollha li jwasslu lill-Qorti ghal konvinciment morali lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li kien l-imputat li wettaq ir-reat in kwistjoni.

L-imputat, umilment, jissottometti li dan il-grad ta' prova ma ngiebx mill-Prosekuzzjoni, u konsegwentement, il-Qorti ma kellhiex issib htija.

2. **<u>L-attentat ta' serq mill-fond 14, Triq San Lawrenz, l-Isla.</u>**

Il-Qorti kkunsidrat hekk:

Fil-konfront tal-attentat ta' serqa li tinvolvi l-fond 14, Triq San Lawrenz, il-Kalkara, x-xhieda li jippruvawha huma tad-derubat (*folio 39*) u PC1352 (*folio 48*).

Illi l-aggravju hawnhekk jikkonsisti l-ewwelnett fil-fatt illi l-Qorti, skorrettement indikat illi l-attentat ta' serq sehh gewwa l-Kalkara, mentri fil-fatt, mill-akkuzi u anke mix-xhieda tal-*Parte Civile*, jirrizulta li l-attentat ta' serq kien se jsehh go fond fl-Isla. Ma saret ebda korrezzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni.

L-ispjegazzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward hija wahda xotta u lanqas ma hemm indikazzjoni ta' kif l-attentat ta' serq gie ppruvat u/jew referenza specifika ghal liema parti ta' *folio 39* u *folio 48* qed tindika l-Qorti. Barra minn hekk, ma saritx identifikazzjoni konkreta tal-imputat minn naha tal-*Parte Civile*. Mill-azzjoni deskritta mill-*Parte Civile*, ma jistax wiehed jasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-intenzjoni tal-imputat kienet li jisraq mill-fond in kwistjoni.

Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-esponent u tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti, l-esponent jissottometti li l-piena karcerarja effettiva ghal serqa semplici bhal dik in kwistjoni kienet timmerita *semai* ordni ta' *probation* u/jew ordni ta' trattament jew alternattivament sentenza ta' habs sospiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant huwa mixli b'zewg eventi kriminuzi li allegatament sehhew f'temp ta' ftit granet 'il boghod minn xulxin, bl-ewwel wiehed isehh fis-26 ta' Awwissu 2015 fejn il-malvivent dahal gewwa residenza u seraq diversi oggetti fosthom deheb u arloggi ta' certu valur, u imbaghad ukoll b'tentattiv ta' serq minn residenza gewwa l-Isla, ghal liema reati l-appellant gie misjub hati, ghalkemm illiberat mill-akkuza tar-ricettazzjoni u mill-addebitu tar-recidiva. Illi l-appellant ghalhekk iqanqal diversi aggravji marbuta ma' dawn iz-zewg imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija, u dan meta jsostni illi huwa ma kienx involut fil-kummissjoni ta' dawn r-reati lilu addebitati.

Jibda biex jinghad illi l-appellant gie misjub hati tas-serqa li sehhet fis-26 ta' Awwissu 2015 minn gewwa ir-residenza 87, Triq is-Sienja Kalkara meta arlogg ta'l-idejn li kien fost ir-*res furtiva* jinstab fil-pussess tieghu ftit taz-zmien wara li sehhet dina is-serqa u hu jonqos milli jaghti spjegazzjoni dwar dan il-fatt. L-appellant jilmenta illi din il-prova wahedha ma kenitx bizzejjed b'sahhitha sabiex twassal lill-Ewwel Qorti issibu hati ghal dina s-serqa u li fl-aghar ipotesi huwa seta jinstab hati biss ghal kummissjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.

Fil-fatt fid-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Vincent DeGaetano fis-26 t'Awwissu 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Emanuel Seisun U Pius sive Pio Micallef' intqal dan li ġej:

> **'It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għall- ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew,**

**skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċetazzjoni ta' dawk l-oġġetti.' (Volum LXXXII 1998 Part IV fol 322).**

Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament millArchbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21- 126.

*'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen thereform and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v Loughlin, 35 Cr.App.R 69; R v Seymour 38 Cr App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In R v Smythe 72 Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p.49 (now 8th ed p.35):*

*'If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that he explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence.'*

Illi mill-fatti probatorji jemergi illi l-ghada li sehhet is-serqa d-derubati kienu osservaw ragel vicin ir-residenza taghhom li kien jixbah id-deskrizzjoni moghtija lilhom ta' persuna li kienet il-jum ta' qabel kienet tinsab hdejn id-dar taghhom xi ghaxar minuti qabel sehhet is-serqa. Wahda mid-derubati Stephania Cassar issewgi lil dan ir-ragel u tehodlu xi ritratti li huma esebieti in atti. Tosserva wkoll lil dan ir-ragel liebes arlogg ta' lewn abjad li kien jixbah hafna wiehed mill-arloggi taghha li kienu gew misruqa. Ghalkemm tirrapporta dawn il-fatti lill-pulizija, l-malvivent madanakollu ma jinqabadx, izda jigi intercettat l-ghada meta huwa jipprova jaghmel serqa ohra gewwa l-Kalkara fejn hemmhekk jigi arrestat mill-pulizija. Meta kkonfrontata b'din il-persuna gewwa l-Ghassa tal-pulizija ta' Bormla, Cassar taghraf lil din il-persuna bhala l-istess wahda li hija kienet segwiet u ukoll taghraf f'idejh l-arlogg taghha li kien gie misruq li kien tal-istess ditta Tommy Hilfiger. Dawn il-fatti hija tikkonfermahom quddiem l-Ewwel Qorti fejn hemmhekk hija terga' tidentifika lill-appellant u murija l-arlogg elevat mill-polz tal-appellant mal-mument tal-arrest tieghu, taghrfu bhala l-arlogg proprjeta' taghha.

Illi allura din il-Qorti tistqarr li abbazi ta' dawn il-fatti l-Ewwel Qorti setghet legalment u fattwalment issib htija fl-appellant ghas-serqa li twettqet mir-residenza 87, Triq is-Sienja il-Kalkara. Dan ghaliex wiehed mill-oggetti misruqa instab fil-pussess tal-appellant l-ghada stess, bl-appellant ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar kif dan l-oggett seta' gie fil-pussess tieghu. Issa gjaldarba d-deskrizzjoni tal-malvivent li kien fl-inhawi tax-xena tad-delitt ftit tal-hin qabel sehhet is-serqa kienet tikkombacja ma' dik tal-persuna li giet osservata minn Cassar fil-vicinzanzi l-ghada liebsa l-arlogg taghha, kienet ghaqlija l-Ewwel Qorti li bl-applikazzjoni tat-teorija tal-' hekk imsejjha *recent possession* wasslet ghall-assunzjoni ta' fatti li kien l-appellant li wettaq is-serqa u hadd iktar.

Mhux biss izda l-appellant jaghmel tentattiv ta' serqa ohra fil-vicinanzi ftit tal-jiem wara fejn huwa jerga' jigi identifikat bhala il-malvivent. Dan meta l-vittma Martin Meilak josserva lil appellant jipprova jidhol fir-residenza tieghu 14, Triq San Lawrenz, il-Kalkara, liema serqa madanakollu ma irnexxietx meta huwa jiddesisti u jahrab hekk kif jinqabad ser jipprocedi ghal konsumazzjoni tad-delitt mill-istess

Meilak. Meilak isegwi lill-appellant u jigi wicc imb'wicc mieghu u ghalhekk kien f'posizzjoni jidentifikah pozittivament bhala l-malvivent li ntenta jidhol fir-residenza tieghu. L-appellant imbaghad jigi intercettat u arrestat minn PC1352 Ismael Buhagiar.

Illi l-appellant ghalhekk jigi mixli u jinstab hati ta' attentat ta' serq mir-residenza ta' Martin Meilak, liema residenza, madanakollu fl-akkuza tigi indikata li tinsab gewwa l-Isla, meta fil-fatt mill-atti jirrizulta illi din tinsab gewwa l-Kalkara. L-appellant ghalhekk f'wiehed mill-aggravji minnu imqanqla marbuta mas-sejbien ta' htija ghal din l-imputazzjoni jilmenta illi ma setatx tinstab htija li huwa wettaq dan id-delitt billi l-post gie indikat li jinsab l-Isla meta fil-fatt mill-provi jirrizulta illi l-post tad-delitt jinsab gewwa l-Kalkara. Illi minn ezami tal-atti ma jirrizultax illi l-Prosekuzzjoni tallbu korrezzjoni ghal dan in-nuqqas biex b'hekk huwa indubitat illi l-appellant qatt ma seta jigi misjub hati tal-attentat ta' serq minn gewwa l-Isla u dan meta dan ir-reat sehh f'post iehor ghal kollox differenti.

Issa ll-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li jkun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma jkunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. Dan iktar u iktar meta l-Ufficjal Prosekutur mal-prezentata bl-arrest tal-appellant jaqra u jikkonferma bil-gurament l-akkuza fit-termini tal-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali.

> "**Ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza.**

**Iżda l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jara li jekk ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti.[1]"**

Issa gjaldarba l-Prosekuzzjoni naqqset milli taghmel dan, il-binarji tal-azzjoni penali baqghet wahda fejn ir-reat allegatament sehh gewwa l-Isla, meta il-provi jindikaw illi dan sehh gewwa l-Kalkara. Illi allura l-aggravju imqanqal mill-appellant marbut mat-tielet imputazzjoni jisthoqqlu akkolijment b'dan ghalhekk illi l-Ewwel qorti qatt ma setghet issib htija ghal reat li sehh gewwa l-Isla, meta mill-provi jirrizulta illi dan ir-reat sehh gewwa l-Kalkara. Dan l-izball baqa' jippersisti sad-decizjoni finali, bil-prosekuzzjoni tonqos milli titlob il-korrezzjoni mehtiega. Kwindi ghalkemm il-htija ser tigi ikkonfermata fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni, madanakollu l-qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant mit-tielet imputazzjoni, b'dan illi ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena li jirrifletti dan.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tghaddi ghalhekk biex tvarja s-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll fejn huwa gie lliberat mit-tieni u r-raba imputazzjonijiet, izda tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati tat-tielet akkuza u tghaddi biex tilliberah minnha ukoll. Tvarja l-piena inflitta u ghalhekk tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija vs Emanuele Azzopardi – App.Inf. 15/10/2019